**Minuti tat-tlettax il-laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat li saret fl-Uffiċċji Amministrattivi tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 11 ta' Diċembru 2013, fil-5.30 p.m.**

Il-laqgħa bdiet b'dawn il-membri preżenti-

| | |
|---|---|
| Sindku : | Is-Sur Philip Vella |
| Viċi Sindku : | Is-Sinjura Frances Galea |
| Kunsilliera : | Is- Sur Joseph Bajada |
| | Is- Sinjura Maria Cassar Sultana |
| | Is-Sinjura Margaret Said |

Uffiċċjali

| | |
|---|---|
| Deputat Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Mark Formosa |

**QARI, KONSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

Il-laqgħa bdiet fil-5.30 p.m.

Wara li ntqalet it-talba tal-bidu, inqraw il-minuti u wara li saru l-emendi neċessarji dawn ġew approvati mill-Kunsill.

**Punti mqajjma mill-Minuti**

Ma kienx hemm punti mqajjma mill-minuti.

**Komunikazzjoni tas-Sindku**

1. Is-Sindku Philip Vella informa lil Kunsill li fid-dawl ta' l-allegazzjonijiet li qed isiru fuqu hu jiċħad dawn l-allegazzjonijiet. Hu ppreżenta l-kwerela li l-eks Segretarju Eżekkutiv tilef mas-Sindku. Huwa qal li resqu quddiem il-magistrat fit-8 ta' Ottubru 2013 fejn l-eks Segretarju Eżekkutiv iddikjara li huwa jiddispaċiħ fuq dak li qal u li huwa jaf li l-kwerelant (is-Sindku) huwa bniedem ta' integrita. Is-Sindku qal li mhux ser jaċċetta

għax l-eks Segretarju Ezekkutiv kellu jitlaq kif mitlub mill-liġi u qiegħed jipprova iħammeg l-isem tal-Kunsill, huwa iddikjara li ser juża il-poteri kollha fil-liġi biex issir ġustizzja.

2. Il-Viċi Sindku semmiet li kienet sorpriza li l-Ministru qal li Triq Sannat ser issir wara it-triq tax-Xagħra għax kien diġa sar ftehim. Hija qalet li din saret minn wara dahar il-Kunsill u li s-Sindku jekk kien jaf messu nforma lill-Kunsill qabel. Hija qalet ukoll li trid li niktbu lil Ministru biex din id-deċiżjoni tiġi revokata.

   Is-Sindku semmha li Triq Sannat ma tistax tinqala qabel ma jitranġaw l-alternative roads u minn informazzjoni li għandu dawn suppost ikunu lesti sal-2015. Huwa qal li trid tinqalgħa Triq tal-Gruwa u ssir bit-tarmak biex minnha jgħaddi it-traffiku u b'hekk din tkun triq diċenti. Is-Sindku qal li hu ssigurrixxa li ssir portable traffic lights. Huwa semmha li Triq Sannat xorta ser tkun ta prijorita għal Ministeru. Huwa semma li t-Triq tax-Xagħra ser isir resurfacing biss filwaqt li Triq Sannat ser isir reconstruction. Is-Sindku qal li t-tender irrid jgħaddi minn Departiment tal-Kuntratti.

3. Il-Viċi Sindku qalet li l-iskrivana tal-Kunsill talbet li jizdidulha xi siegħat extra fil-ġurnata tax-xogħol tagħha. Il-Kunsill qabel li din it-talba għanda tigi ikkunsidrata aktar fid-dettal fl-laqgħa oħra.

4. Il-Kunsilliera is-Sinjura Margaret Said infurmat lill-Kunsill li ser issir ħarga għas 27 ta' Diċembru u ser imorru Bethlehem f' Għajnsielem. Hija issugerixxit li l-flus tad-day centre jibdew jiġu utilizati fil-ħargiet. Dan għaliex l-ispejjez huma kbar u bħalissa żewg persuni biss qegħdin iġawdu minn dan. Il-Kunsill qabel li dan isir.

5. Il-Kunsilliera s-Sinjura Maria Cassar Sultana infurmat lill-Kunsill li ser tagħti l-informazzjoni dwar is-Seminar li attendiet għan nom tal-Kunsill fl-okkazzjoni ta' għeluq l-20 sena tal-Kunsilli. Hija ippresentat rapport bil-punti importanti li ssemmew waqt dan is-Seminar

6. Il-Kunsill Lokali jixtieq li jsir il-ġemelaġġ ma Montefiascone. Is-Sindku iltaqa' mall-ġunta ta' Montefiascone iżda x'ħin iltaqgħa fil-ġurnata dawn qalulu li hemm raħal f'pajjiż ieħor li jixtieq li jagħmel ġemelaġġ ma Montefioscone. Is-Sindku ssuġerixxa lil ġunta u lill-kunsillier responsabbli mill-ġemelaġġ li jekk kemm il-darba jsir il-ġemellaġġ uffiċjali l-Kunsill Ta' Sannat lest li joffri s-servizz ta tagħlim fil-lingwa Ingliża f' Ta' Sannat peress li aħna nafu iż-żewġ lingwi tajjeb. Huma talbu li issir dokumentazzjoni fuq ir-raħal Ta' Sannat u din trid turi x'hawn fir-raħal. F'din id-dokumentazzjoni huma talbu li tkun miktuba biż-żewġ lingwi u ninkludu fiha ritratti. Il-Kunsillier Joseph Bajada ġibed l-attenzjoni li s-Sinjura Rose Fava li telgħet Montefiascone mall-Kunsill għanda tħallas l-ispejjeż kollha relatati ma din is-safra. Il-Kunsill qabel li dan għandu jsir.

7. Is-Sindku nforma lil Kunsill li għandu jsir festin taċ-ċelebrazzjoni tal-Milied għal għaqdiet volontarji kollha tar-raħal Ta' Sannat. Għandhom jintbgħatu l-inviti mill-aktar fis. Il-Kunsill qabel ma din id-deċiżjoni.

8. Is-Sindku ssuġerixxa li l-Kunsill għandu jniedi kompetizzjoni għal l-isbaħ tlett presepji fir-raħal. Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment u li dan għandu jsir.

**Qari tal-Korrispondenza u lmenti mir-residenti**

**Korrispondenza**

1. Memo 27/2013 Ġbir ta' Skart Separat
2. Memo 29/2013 Ikliet/Riċevimenti organizzati mill-Kunsilli Lokali
3. Memo 30/2013 Korrispondenza mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali
4. Memo 31/2013 Identifikazzjoni ta' binjiet fil-Lokalitajiet biex isir l-eżerċizzju tat-tiġdid tal-Karta tal-Identita'
5. Memo 32/2013 Kuntratti u / jew sejħiet għall-offerti tal-Kunsilli Lokali dwar skart

**Ilmenti**

1. Is-Sur Joe Debrincat li joqgħod "Sunny View", Triq Dun Lazzru, Ta' Sannat qed jitlob li jsir patching fl-istess triq. Il-Kunsill qabel li dan għandu jsir.

2. Ir-residenta li toqghod 83, "Wind Chime", Triq Saguna, Ta' Sannat qed titlob li jsir patching fl-istess triq, speċjalment quddiem ir-residenza tagħha peress li hemm toqba fonda u perikoluża. Il-Kunsill qabel li din il-ħofra għanda titranġa.

3. Żewġ talbiet minghand il-Kunsilliera Maria Cassar Sultana f'isem is-Sinjura Josianne Abela li tablet (a) kaxxa tad-disabled fi Triq ta'Cenc kantuniera ma Triq Santa Marija u (b) li issir bandla tad-disabled fil-playing field. Il-Kunsill iddecida li dwar talba (a) isir talba lill Transport Malta u dwar talba (b) din għandu jara fejn ser issir.

4. Talba mingħand is-Sur Mario Saliba, ta' Ave Marija Triq L-Isqof D. Cocco Palmieri biex fil-Pjazza Santa Margerita isir bank flok dak miksur. Il-Kunsill qabel li dan għandu jsir u anke dak miksur quddiem il-Kazin tal-Partit Laburista ghalhekk għandhom jiġu ordnati żewġ bankijiet bħal dawk li ġa hemm.

**Aprovazzjoni tal-Pagementi**

Il-Kunsill approva unanimament il-pagamenti annessi mal-minuti.

**Data għall-Laqgħa Oħra**

Il-laqgħa spiċċat fil-8.05 p.m. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir l-Erbgħa 15 ta' Jannar 2014, fil-5:00pm.

**Philip Vella**
**Sindku**

**Mark Formosa**
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**

## Seminar f'gheluq 20 sena tal-Kunsilli li sar Grand Hotel - 4ta' Dicembru, 2013

**Punti mportanti li semmew kienu dawn:-**

Taghlim fuq fondi

Rowl tal-kunsilliera

Public relation tajba u mahsuba

Kunsilli regolati u mhux kastrati

Complaints re TM

Wasal iz-zmien li jkollna sindki full time?

Wasal iz-zmien li kunsilli jfendu ghal-rashom u ma nibqghux dumping site tal-gvern?

Bars, restaurants, licenzji ecc

Awtonomija, dinjita, lil kunsill mid-dipartimenti tal-gvern u kif iharsu lejna l-entitajiet.

EDEN

Field Officer

Kunsill ma jistghax ikun hieles sabiex jiehu decizjonijiet jekk ma jkollux awtonomija fiskali. Trid titnaqqas il-burokrazija zejda, bhal hafna go aheads biex johorgu fondi ecc.

Shared revenues.

Liaison officer between citizens and Dr Michael Falzon (responsible from bureaucracy)

*Maria Cassar Sultana*

*Kunsilliera*